MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2005

Numru 653/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**vs**

**CLINTON BORG**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Clinton Borg ta' 23 sena mwieled nhar l-20 ta' Settembru 1980 gewwa Pieta bin Emanuel u Lourdes nee Farrugia, residenti gewwa "Loremm" Triq il-Mithna Lija, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 480780M gie akkuzat:

Talli fil-perjodu ta’ bejn il-21 u 23 ta’ Lulju tas-sena 2003, xjentement b’kull mod indahal sabiex ibiegh jew imexxi hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat jew kien fil-pussess ta’ oggetti akkwistati b’serq fil-gzejjer Maltin u dan ai terminu ta’ l-artikolu 334 u 334(a) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fil-perjodu bejn it-18 ta’ Lulju 2003 u it-22 ta’ Lulju 2003 ippermetta lil Sean Zammit min H’Attard isuq vettura JAL434 minghajr licenzja tas-sewqan kurrenti u minghajr Polza tal-assigurazzjoni ghall-terzi persuni f’diversi bnadi tal-Gzejjer Maltin u dan ai terminu tal-artikolu 3 tal-Kapitlu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba titratta ma l-imputat bhala ricediv war li instab hati b’sentenzi definittivi mill-qorti tal-Magistrati Nhar is-27 ta’ Jannar 2000 mill-Magistrat Dr. C. Peralta LL.d. u nhar il-24 ta’ jannar 2001 mill-Magistrat Dr. A. Mizzi LL.D.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok MT3 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tal-14 ta’ Marzu, 2005 l-imputat ammetta l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti, fl-istess Seduta tal-14 ta’ Marzu, 2005 wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni li taha minn jeddu l-imputat Clinton Borg fis-Seduta tat-12 ta’ April, 2005 fejn qal:

"Qieghed nesebixxi bhala Dok CBA 1 ktieb tax-xoghol tieghi li dan huwa vera kopja fotostatika ta' l-original. Jiena bhala xoghol nahdem f'xoghol li niksi u nbajjad u npoggi l-madum. Jiena qieghed bi shab ma missieri Emanuel Borg. Jien missier ta' tarbija, nghid illi t-tifla ghandha erba' (4) snin u jiena nghix flimkien ma omm din it-tarbija flimkien mat-tarbija taghna. Nghid tarbija fis-sens li ghandha biss erba' (4) snin. Qieghed nesebixxi bhala Dok CBA 2 vera kopja tal-kuntratt ta' flat li jiena krejt. Jiena noqghod f'dan il-flat li huwa sitwat f'H'Attard. Nghid illi jiena ilni naghmel dan ix-xoghol li semmejt ghal dawn l-ahhar hames snin. Nghid illi d-dokument CBA 2 huwa vera kopja fotostatika ta' l-original."

Il-Qorti taghmel referenza ukoll ghad-deposizzjoni li taha Emanuel Borg prodott mill-imputat fis-Seduta tat-12 ta' April, 2005 fejn dan ix-xhud qal:
"Jien nigi missier l-imputat Clinton Borg. Nghid illi ibni l-imputat jahdem mieghi fuq xoghol ta' tibjid u niksu u nwahhlu l-madum ukoll. Nghid b'mod regolari t-tifel ilu jahdem mieghi ghal dawn l-ahhar tlieta (3), erba' (4) snin. In kwantu ghal ibni l-imputat nghid illi minn dejjem zammejtlu dixxiplina u mieghi t-tifel mexa b'mod tajjeb. Jiena qatt ma naf illi t-tifel kellu xi problemi dwar xorb jew droga."

In kontro-ezami l-istess xhud Emanuel Borg fl-istess Seduta tat-12 ta' April, 2005 dan qal:
"Qed nigi mistoqsi mill-Prosekuzzjoni jekk jiena nafx illi oltre din il-kawza odjerna ibni l-imputat kien ghadda minn proceduri ohra nghid illi jiena ma nafx."

Issir ukoll referenza ghad-deposizzjoni li tat Natasha Zammit prodotta mill-imputat fis-Seduta tat-12 ta' April, 2005 fejn din qalet:
"Jiena wasalt li naghlaq il-wiehed u ghoxrin din is-sena u nghid illi f'relazzjoni ma l-imputat ghal dawn l-ahhar hames snin. Nghid illi ahna ghandna tifla ta' erba' snin. Jiena u l-imputat flimkien mat-tifla nghixu flimkien. Nghid illi l-imputat jahdem b'mod regolari u jahdem kuljum. Nghid illi jien f'dawn l-ahhar sentejn rajt kambjament kbir fl-imputat fis-sens illi dan ikkoncentra ruhu ghax-xoghol u

kkoncentra ruhu wkoll biex ifaddal. Nghid illi ahna krejna post u qeghdin nghixu fih. Nghid illi t-tifla nibghatuha l-iskola u fil-bqija tal-hin tkun qeghda maghna.”

In kontro-ezami l-istess xhud Natasha Zammit fl-istess Seduta tat-12 ta’ April, 2005 qalet:
“Nghid illi qabel ma hareg mieghi l-imputat kont naf li kellu xi kazijiet ohra l-Qorti. Kemm ilu johrog mieghi l-kaz li naf li tela l-Qorti huwa dan li qeghda nixhed fih illum. Nghid illi l-imputat huwa bniedem mid-dar ghax-xoghol u gieli imma rari l-hadd filghodu johrog ma hija. Jiena ma nafx li hija ghandu xi kumpanija ta’ hbieb. Ir-relazzjoni taghna niddiskreviha bhala tajba hafna. Ir-relazzjoni ta’ l-imputat fil-konfront ta’ binti u jiena fil-konfront ta’ binti nghid hija wkoll relazzjoni tajba hafna.”

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum, l-imputat iddikjara li hu jiskuza ruhu dwar l-akkadut.

Innutat ukoll li fil-Verbal tal-istess Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Mario Tonna iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija fl-istadju tal-investigazzjoni u illi l-istess imputat irritorna r-rifurtiva. Inoltre l-istess Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat issa biddel hajtu, ghandu xoghol stabbli u huwa missier ta’ tarbija u ghaldaqstant jissotometti li fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi, il-Prosekuzzjoni hija tal-fehma li l-piena karcerarja m’hijiex wahda idonea f’dan il-kaz.

Semghet trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza dwar il-piena.

Rat l-artikoli 334(a), 49 u 50 tal-Kap. 9 u l-artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Clinton Borg, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi li l-imputat iddikjara fil-Verbal tas-Seduta tallum li jiskuza ruhu dwar l-akkadut, dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Mario Tonna fil-Verbal tas-Seduta tallum li l-imputat ikkopera mal-Pulizija fl-istadju tal-investigazzjoni u illi l-istess imputat

irritorna r-rifurtiva. Inoltre l-istess Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat issa biddel hajtu, ghandu xoghol stabbli u huwa missier ta’ tarbija u ghaldaqstant issottometta li fid-dawl ta’ dawn ic-cikostanzi, il-Prosekuzzjoni hija tal-fehma li l-piena karcerarja m’hijiex wahda idonea f’dan il-kaz, qieset ukoll dak li xehdu l-imputat, Emanuel Borg u Natasha Zammit fis-Seduta tat-12 ta’ April, 2005 u li gew riportati aktar qabel f’din is-Sentenza, liema cirkostanzi li jemergu minn dawn id-deposizzjonijiet u fid-dawl ta’ dak li iddikjara l-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum fir-rigward, iwasslu lill-Qorti li tiddikjara li taqbel mal-Prosekuzzjoni li l-piena karcerarja m’hijiex wahda idonea f’dan il-kaz u li tali cirkostanzi u cioe’ li l-imputat issa biddel hajtu, qed jghix hajja responsabbli ta’ missier ta’ tarbija u ghandu xoghol stabbli, huma ragunijiet specjali u straordinarji li jimmeritaw l-applikazzjoni ta’ l-artikolu 21 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u li l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita’ li jzomm mat-triq it-tajba li qabad, ghalhekk il-Qorti tikkundanna lill-imputat Clinton Borg ghall-piena komplessiva ta’ elf u hames mitt Liri Maltin (Lm1500) multa.

Il-Qorti tat tali piena pekunjarja lill-imputat bl-isperanza li din il-piena tghabbi lill-imputat b’sens qawwi ta’ responsabbilita’ sabiex joqghod attent li jzomm xogholu u tkun ukoll ta’ deterrent.

Finalment il-Qorti trid taghmilha cara lill-imputat li qeghda taghtih din l-ahhar opportunita li jimxi fit-triq it-tajba u m’ghandux jippretendi li jekk jerga’ jikser il-ligi sejjer jircievi xi hniena mill-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------